MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 110/1992/1

**Lawrence Attard ghan-nom u in rappresentanza ta' L&D Attard Company Limited**

**v.**

**Sergio Manche`, Charles Cremona u Paul Galea u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2005, Dr. Benedict Delia LL.D gie konfermat bhala kuratur biex jirraprezenta lill-assenti Sergio Manche`**

**Il-Qorti:**

## PRELIMINARI

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR NOMINE**

1. B'citazzjoni pprezentata fl-24 ta' Jannar 1992, l-attur nomine wara li ppremetta li s-socjeta` attrici silfet brevi manu lill-konvenuti s-somma ta' sbatax-il elf u hames mitt lira (Lm17,500) u li dan l-ammont kellu jithallas lura fi zmien xahar u li ghalkemm il-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Jannar 1992 biex tithallas l-imsemmija somma flimkien ma' l-imghax, dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza u li d-dejn huwa cert, likwidu u skadut u d-debituri ma ghandhomx difiza xi jressqu, talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sbatax-il elf u hames mitt lira (Lm17,500) self brevi manu lilhom moghti bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Jannar 1992, u bl-ispejjez ta' l-istess ittra ufficjali.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Il-konvenuti eccepew li preliminarjament huma personalment ma kellhom ebda relazzjoni ma' l-attur jew il-kumpanija L&D Attard Company Limited minnu rapprezentata. Infatti n-negozju oggett ta' din il-kawza sar bejn l-attur Lawrence Attard personalment u l-kumpanija Stephen Tabone Limited u li minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-attur kemm personalment u kemm ghan-nom tal-kumpanija attrici qatt ma silef xi flus lill-eccipjenti, la brevi manu u lanqas b'mod iehor imma biss investa f'intrapriza li ma rnexxietx fin-Nigerja.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Lulju 2002, fl-ismijiet premessi dik il-Qorti ddecidiet billi laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti in kwantu eccepew li huma personalment ma kellhom ebda relazzjoni mal-kumpanija attrici L & D Attard u konsegwentement cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**L-APPELL TA' L-ATTUR NOMINE**

4. L-attur nomine hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona appell ai termini tal-ligi bl-aggravju segwenti:

a. Illi fl-ewwel lok l-appellant nomine umilment jilmenta li l-ewwel Qorti ma flietx bizzejjed u fir-reqqa l-provi prodotti fil-kawza odjerna. Dan qed jinghad ghax bir-rispett kollu hija ma dahlitx fil-fatt partikolari li rrizultaw. Mill-atti hemm car li l-attur kien ghadu kemm hareg minn operazzjoni ta' certu gravita` meta gie avvicinat minn Albert Scerri sabiex jislef dan l-ammont ta' flus. Fuq id-diskors ta' Scerri u li l-istess serva ta' tramite mal-konvenuti l-flus gew avvanzati.

Issa rinfaccjat b'operazzjoni li falliet ghax il-flus ittiehdu minghand is-socjeta` attrici, il-konvenuti u l-istess Scerri bdew jibdlu diskorshom. Mix-xiehda ta' dan Scerri jirrizulta ampjament li dan l-ewwel ghamel affidavit u ddikjara l-fatti mod, sussegwentement in kontro-ezami biddel il-verzjoni tieghu ripetutament. Il-punt car quddiem il-Qorti kien li l-attur kien wahdu u fuq in-naha l-ohra kellu erba' persuni li wara li kienu hadu l-flus u wara li din l-operazzjoni marret il-bahar biddlu l-verzjoni.

Huwa minnu li kien ikun ahjar jekk (sic) saret skrittura privata izda din baqghet ma saritx ghal numru ta' ragunijiet li johorgu mill-istess atti. Dawn huma l-ewwel li l-appellant noe kien ghadu kif hareg minn operazzjoni serja u kien ghadu l-isptar meta mar ghandu Scerri bil-proposta; t-tieni ghax l-istess Scerri, Cremona u Manche` bdew jaghfsu ghal flus billi kellhom hafna ghaggla ghax inkella jitilfu n-negozju, it-tielet ghax self brevi manu ma' nies li huma fin-negozju bhall-imsemmija tant isir li ma nhassx li kien hemm bzonn tieghu minn ebda naha.

Se mai l-kwistjoni ta' l-iskrittura privata ma kellhiex timmilita kontra l-appellant nomine kif jidher li ghamlet l-ewwel Qorti izda favur tieghu. Ghax huwa fl-interess ta' min johrog il-flus, ta' min huwa l-kreditur u mhux ta' min ha l-flus li l-posizzjoni tkun cara. Huwa minnu li l-appellanti noe fada lill-konvenuti u lill-istess Albert Scerri li mar ghandu u uza l-posizzjoni tieghu sabiex jottjeni dawn l-flus izda dan kellu jkun ghall-vantagg tieghu u mhux jigi kkunsidrat l-kontra. Bir-rispett lejn l-imsemmija Qorti jidher car li saret inverzjoni ta' dawn l-posizzjonijiet u gie li kien ghal beneficcju ta' l-attur li ma saritx l-iskrittura privata.

L-appellant nomine jissottometti li mil-linja mehuda mill-istess gie li cittadin li jsib lilu nnifsu f'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jirrikorri lejn il-Qrati nostrali bil-konvinzjoni li dawn jifhmu u jaghtuh gustizzja, anzi jigi li mhux biss irid jipprova huwa izda li kwazi dak li ghamel jitqieghed taht skrutinju tant skrupoluz li qisu huwa l-persuna li kkommetta xi infrazzjoni tal-ligi.

b. Ma' dan irid ukoll jigi rilevat li l-istess inverzjoni fil-prova u fil-bilanc ta' kredibilita` sar mill-imsemmija Qorti meta giet biex tikkonsidra jekk is-self sarx mis-socjeta` jew mill-attur personalment. Bir-rispett kollu min ikun silef ikun jaf minn fejn hargu dawn il-flejjes u bhal ma pprezenta kawza f'isem is-socjeta` seta' ghamilha f'ismu izda billi dawn kienu hargu f'isem is-socjeta` hekk ipproceda.

Mhux biss kien hemm l-izbilanc fuq dan il-punt izda anki fis-sentenzi citati mill-istess Qorti i.e. Frank Cilia noe v. Charles Scicluna u Av. Dr. Keith Bonnici noe v. Mark Grima (sic) billi dawn kienu sentenzi fejn kien il-konvenut li qieghed jeccepixxi l-ezistenza ta' socjeta` u li n-negozju sar f'isem dik is-socjeta` u mhux f'ismu personalment sabiex jiskapula l-hlas ta' oggetti jew servizzi li ha u issa qieghed jghid mhux jien hadthom izda haddiehor.

Fil-kaz odjern il-persuna li setghet tkun taf il-flus minn fejn hargu kien Albert Scerri. Kien huwa li kien inkarigat jaghmel il-kotba tan-negozju tas-socjeta` u mhux l-attur u kien ghalhekk li fl-accounts ta' l-ahhar sena konvenjentement dan id-dejn ma deherx. Terga' u tghid l-istess xhud iddikjara dan meta huwa kien jaf li dawn kienu diga` lesti u sottomessi mill-awtoritajiet. Kien ovvju pjuttost li invista tal-bidla qawwija li ha l-istess Scerri fix-xiehda li ma kienx qieghed proprju jimmilita favur l-attur izda dan flok ittiehed fil-piz u in konsiderazzjoni ghall-vantagg ta' min gie effettivament derubat minn dawn il-flus sar il-kontra.

Anki fuq il-kwistjoni tan-nota datata 9 ta' Jannar 1992, li ghalkemm jinghad "*fuq li kont kellimtek il-Qorti, iz-zu kien silef is-somma*" il-Qorti spilogat din il-bicca u hargitha mill-

kuntest taghha ghax in-nota personali kienet wahda informali u l-accenn kien fuq lil min kellu jigi mharrek, din kienet biss sabiex jigi indikat min kien il-klijent b'mod informi i.e. bhala semplici referenza kif kien maghruf bejn l-istess Scerri u l-konsulent legali. U hemm ma kienx hemm x'diskors sar qabel u cioe` li kienet is-socjeta` attrici li kienet silfet il-flus. Pero` anki fuq dan irid jinghad li anqas ma wiehed jista' jeskludi li Scerri kien jaf lejn fejn sejjer u kien qieghed huwa wkoll jipprepara t-triq.

Bir-rispett kollu l-impostazzjoni tal-Qorti jidher car li ma rriflettiex li l-attur kellu diffikulatjiet kbar biex jaghmel il-prova u li l-konvenuti flimkien ma' dan Scerri kellhom kull vantagg li jhawdu l-borma. Kif effettivament irnexxielhom jaghmlu, l-ewwel ghax qalu li kien hemm socjeta` ohra li qatt ma ssemmiet u t-tieni ghax qalu li anqas kien l-attur personalment jew is-socjeta` li dahlu f'xi negozju maghhom.

Quddiem dan l-appellant nomine umilment jissottometti bir-rispett lejn l-ewwel Qorti, li kienu l-konvenuti u Scerri li biddlu kollox wara li l-konvenuti hadu l-flus lill-attur. Aktar u aktar meta l-istess Scerri ad insaputa ta' l-attur ha sehem tant attiv li mar in-Nigerja maghhom.

c. Illi jrid jinghad ukoll li kien zbaljat ukoll li l-imsemmija Qorti waslet ghall-konkluzjoni li ma setghetx anqas tara x'kien in-negozju li gie konkluz. Di fatti hija tiddikjara "*Jidher li* l-flus harighom Lawrence Attard personalment *wara li kien imhajjar jaghmel hekk in vista tal-possibilita` indikata lilu ta' gwadann sostanzjali kemm-il darba jigi konkluz in-negozju propost.*"

Bir-rispett lejha l-fatti indikaw b'mod mill-iktar car li s-socjeta` attrici kellha kull interess li tirkupra dak li silfet in buona fede lill-konvenuti u li kienu l-konvenuti li kellhom kull interess sabiex ma jhallsux lura billi n-negozju taghhom ma rnexxiex. Il-Qorti riedet xi prova li tista' titwemmen sabiex setghet tistabilixxi li l-attur silef personalment ghax kien ovvju li f'kaz bhal dan li kieku l-attur pproceda personalment kienu jghidu li harighom mis-socjeta` ghax hekk biss setghu johorgu minnha din il-

basla li dahlu fiha.  Ghax irid jinghad li fl-ahhar tal-gurnata kienu huma li hargu b'din l-ideja u kienu huma li ddecidew jidhlu ghal dan is-sogru mhux l-attur.

Quddiem dan kollu l-appellant nomine umilment jissottometti li l-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti kienu zbaljati u ghandhom jigu mibdula.

Ghaldaqstant l-appellant nomine talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Lulju 2002, billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI APPELLATI</u>**

5.  Il-konvenuti appellati wiegbu hekk:

(1) Illi l-attur nomine qed jappella mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-12 ta' Lulju 2002, fl-ismijiet premessi ghax hass ruhu aggravat meta l-Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellati in kwantu eccepew li huma personalment ma kellhom ebda relazzjoni mal-kumpanija L & D Attard Company Ltd.

(2) Illi s-sentenza msemmija hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet hawn imsemmija.

(3) Fit-trattativi ta' qabel li sar l-allegat self qatt ma ssemmiet il-Kumpanija L & D Attard Company Ltd. Issemmiet biss fis-seduta tal-15 ta' Mejju 1998, quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dottor Maria Dolores Gauci meta l-attur nomine in kontro-ezami xehed hekk

"Jien nista' nagixxi wahdi ghan-nom tal-Kumpanija.  Lis-socji l-ohrajn ma kelliex ghalfejn nghidilhom dwar dan is-self".

Anzi l-uniku xhud cioe` Albert Scerri prodott mill-istess attur nomine xehed hekk fis-seduta tat-3 ta' Gunju 1992, mizmuma quddiem il-Qorti

"L-ittri L u D fis-Socjeta` L & D Attard Limited huma ta' Lawrence u Disma Attard li huma ahwa. Fl-accounts tas-socjeta` attrici ma tnizzilx dan is-self. Is-self in kwistjoni ma tnizzilx fl-accounts tas-socjeta` L & D Attard Company Limited ghaliex is-socjeta` ma ghandhiex x'taqsam maghhom. Jien ghalija dan is-self ma ghandux jidhol fl-accounts tas-socjeta` peress illi ghaliha s-self sar personalment minn Lawrence Attard u mhux mis-socjeta`."

(4) Fl-ittra ufficjali li ggib id-data 9 ta' Jannar 1992, li ghaliha ghamel referenza l-attur nomine fic-citazzjoni minnu pprezentata mibghuta lill-konvenuti appellati, il-mittenti kien Lawrence Attard f'ismu proprju u mhux f'isem u in rapprezentanza ta' L & D Attard Company Ltd. kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' l-istess ittra u markata Dok. X.

(5) Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 1998, quddiem il-Qorti l-attur nomine stqarr li huwa kien biegh bid-dejn lill-konvenut Charles Cremona dghajsa bil-prezz ta' LM10,000 u dik id-darba kienu ghamlu kitba. Pero` mistoqsi ghaliex f'din l-okkazzjoni ma saret ebda kitba kull ma' l-attur nomine rrisponda "Jekk tkun Avukat iva". Dwar il-htiega tal-kitba meta jsir self ta' somma konsiderevoli l-appellati jaghmlu referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Mejju 1998, fl-ismijiet Noel Mallia noe v. Alphonse u Mary Anastasi.

(6) Fatt iehor li jimmilita kontra l-pretensjoni ta' l-attur nomine huwa li ma gieb ebda prova li huwa kien awtorizzat jagixxi ghan-nom tal-Kumpanija L & D Attard Company Ltd. u lanqas almenu pproduca bhala xhud lil Disma Attard, l-uniku socju iehor ta' l-istess kumpanija biex jikkonferma l-allegat self.

(7) Dwar il-meritu ta' din il-kawza, ghalkemm l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruhha f'dan ir-rigward l-appellati jissottomettu li mill-atti tal-kawza hemm provi bizzejjed biex jiggustifikaw l-eccezzjoni ta' l-appellati li l-flus mahruga minn Lawrence Attard ma kienux b'titolu ta' self

imma mahruga bhala sehmu u investiment fl-intrapriza Nigerjana bit-tama ta' profitt konsiderevoli. Bizzejjed jinghad li waqt it-trattativi li saru bejn il-partijiet li ghalihom kien prezenti Albert Scerri, l-Accountant ta' l-attur, l-istess Scerri xehed hekk "Jien nikkonferma illi lil Lawrence Attard jiena u Charles Cremona konna ltqajna mieghu u staqsejnieh riedx jidhol ghal dan in-negozju. Attard accetta illi jghin bi flus tieghu u Cremona kien qallu x'ser ikun il-kumpens illi jircievi hu ta' din l-ghajnuna illi ser jaghti Attard. Jien fil-prezenza tieghi Cremona lil Attard qallu illi l-kumpens tieghu kien ikun izjed minn mitt elf lira Maltija (LM100,000) jew ahjar mhux izjed imma ssemmiet dik is-somma preciza. (Seduta tat-3 ta' Gunju 1992, preseduta mill-Imhallef). Inoltre minbarra provi ohra, irrizulta wkoll illi l-flus ma gewx konsenjati minn Attard lill-konvenuti imma lil Albert Scerri li baqghu ghandu sakemm gew imhallsin lin-Nigerjani fin-Nigerja.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-appell ta' l-attur nomine huwa essenzjalment dak li l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni ghal kollox zbaljata tal-provi prodotti u dan ghaliex, skond hu, dik l-istess Qorti "ma flietx bizzejjed u fir-reqqa" dawn il-provi. Li ghamlet hazin l-ewwel Qorti, jillanja l-appellant nomine, huwa li "invertiet" il-posizzjonijiet li kull parti kellha fin-negozju ta' self li sehh bejn il-kontendenti. L-istess "inverzjoni fil-prova u fil-bilanc ta' kredibilita`" regghet imbaghad irrepetiet ruhha meta dik il-Qorti giet biex tikkunsidra jekk is-self sarx mis-socjeta` jew mill-attur personalment. F'dan ir-rigward l-attur nomine jissottometti hekk,
"Bir-rispett kollu min ikun silef ikun jaf minn fejn hargu dawn il-flejjes u bhal ma pprezenta kawza f'isem is-socjeta` seta' ghamilha f'ismu izda billi dawn kienu hargu f'isem is-socjeta` hekk ipproceda".

L-attur nomine talab ghalhekk ir-revoka tas-sentenza appellata bl-akkoljiment tat-talbiet tas-socjeta` attrici appellanti.

7. Din il-Qorti wara li ezaminat mill-gdid u akkuratament il-provi kollha, hija tal-ferma konvinzjoni li l-appell in ezami huwa ghal kollox infondat.

Rinfaccjata bic-cahda kompleta da parti tal-konvenuti ghal dak li gie premess min-naha taghha, is-socjeta` attrici htegilha, biex tirnexxi fl-azzjoni taghha, mhux biss li tistabilixxi fil-mertu li hawn si trattava ta’ self ta’ flus “brevi manu” u mhux partecipazzjoni f’intrapriza kummercjali, imma qabel kollox, l-attur nomine htieglu jissormonta zewg pregudizzjali ohra li gew sollevati mill-eccipjenti appellati, jigifieri,
(I) li l-ftehim sehh mal-konvenuti proprio u mhux mas-socjeta` Stephen Tabone Limited; u

(II) li l-istess ftehim sehh bejn il-konvenuti proprio min-naha ’l wahda, u min-naha l-ohra mas-socjeta` attrici (u mhux ma’ Lawrence Attard proprio li m’huwiex parti fil-kawza).

8. Mis-sentenza appellata jirrizulta li ghalkemm l-ewwel Qorti ddecidiet li “ma jirrizultax, kif eccepew il-konvenuti, li sar xi negozju bejn Lawrence Attard u l-kumpanija Stephen Tabone Limited” fl-istess waqt iddecidiet ukoll li,
“Jidher li l-flus harighom Lawrence Attard personalment wara li kien imhajjar jaghmel hekk in vista tal-possibilita` indikata lilu ta’ gwadann sostanzjali kemm-il darba jigi konkluz in-negozju propost”

u ghal din ir-raguni l-istess Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti “in kwantu eccepew li huma personalment ma kellhom ebda relazzjoni mal-kumpanija attrici L & D Attard Company Ltd u konsegwentement tichad it-talbiet attrici….”

9. L-appellant nomine jaghmel l-almu tieghu fir-rikors ta’ appell biex jipprova juri kemm kienet zbaljata u “zbilancjata” l-ewwel Qorti fil-mod kif hija evalwat u gharblet il-provi akkwiziti izda, bir-rispett kollu, din il-Qorti baqghet mhux konvinta li l-aggravji ta’ l-appellant nomine fil-fatt jirrizulta.

10. Ibda biex, trattandosi hawn ta' ftehim li jinvolvi eluf ta' liri, din il-Qorti ma tifhimx kif l-appellant nomine, multo magis meta suppost kien qed jagixxi f'isem u ghan-nom ta' socjeta` kummercjali, lanqas biss ma jigieh f'mohhu li jaghmel skrittura – fi kliemu stess jghid li trid tkun avukat biex tahseb f'haga simili!

11. Apparti mis-suespost pero` hemm provi li juru bic-car kemm is-socjeta` attrici ma kienet ticcentra xejn f'din il-vicenda. Albert Scerri, prodott b'xhud mill-attur nomine, il-persuna jigifieri li kienet il-"go-between" f'din il-vicenda sfortunata u l-persuna li kienet izzomm il-kotba tal-kummerc tas-socjeta` attrici jixhed minghajr tlaqliq (hekk ara fol. 22 u 22B tal-process),
"Fl-accounts tas-socjeta` attrici ma tnizzilx dan is-self. Is-self in kwistjoni ma tnizzillx fl-accounts tas-socjeta` L & D Attard Company Limited ghaliex is-socjeta` ma ghandhiex x'taqsam maghhom. Jiena ghalija dan is-self ma ghandux jidhol fl-accounts tas-socjeta` peress illi ghalija s-self sar personalment minn Lawrence Attard u mhux mis-socjeta` (Sottolinear tal-Qorti)."

Rinfaccjat b'xiehda daqstant skjaccjanti, l-appellant nomine jipprova jiskredita l-istess xhud fir-rikors ta' appell tieghu. Dejjem dwar is-suppost involviment tas-socjeta` attrici, l-attur nomine jelabora mbaghad hekk in kontro-ezami (ara fol. 119 tal-process),
"Jiena nista' nagixxi wahdi ghan-nom tal-kumpanija. Lis-socji l-ohrajn ma kellix ghalfejn nghidilhom dwar dan is-self. Fuq domanda jekk fil-kotba tal-kumpanija tnizzilx dan is-self, jiena rrid niccekkja dan."

Ma' dawn il-provi pjuttost elokwenti, inoltre, hemm imbaghad ic-cahda kategorika min-naha tal-konvenuti fis-sens li huma qatt ma nnegozjaw mas-socjeta` attrici peress li kull diskors u inkontri saru dejjem ma' Lawrence Attard proprio – hekk ara x-xiehda ta' Sergio Manche`(a fol. 83 et. seq tal-process) fost ohrajn.
12. Ftit li xejn jissuffragaw it-tezi ta' l-attur nomine l-fatt li meta sehh il-ftehim huwa kien ghadu qed jirkupra minn

operazzjoni, jew li hu kien bniedem illitterat u li halla kollox f'idejn l-imsemmi Albert Scerri (li skond hu dan ukoll dar kontrih).

13. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddilunga oltre fuq l-ezami tal-provi l-ghaliex id-diversi osservazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward u l-gurisprudenza minnha citata huma kollha gusti u korretti u ma hemm xejn x'wiehed x'jiccensura jew ibiddel fihom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------